**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Mejju, 2001

**Numru 4**

**Avviz. numru 158/01JR**

**Joseph Bezzina and Company Limited**

**vs**

**C and F Building Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' disa' liri Maltin tmienja u ghoxrin centezmu (Lm9.28), u fejn intqal:**

1. **Illi dan il-kaz jirrigwarda bejgh ta' Grinding Paste Coarse Grit 80x500 1.00 TIN F ammontanti ghal tmien liri Maltin u seba' centezmi (Lm8.07) bi hmistax fil-mija (15%) taxxa, u cioe` lira u wiehed u**

**ghoxrin centezmu (Lm1.21), li jfisser total komplessiv ta' disa' liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm9.28);**

2. **Illi dan il-prodott gie imwassal fil-bini tas-socjeta` kummercjali konvenuta nhar it-3 ta' Settembru, 1999 fit-13.30hrs., u lihom fornut, imma sal-gurnata tal-lum is-socjeta` konvenuta ghadha ma baghtitx lis-socjeta` kummercjali attrici dana l-ammont hekk kif globalment dovut, purche` li impjegati tas-socjeta` kummercjali konvenuta irritenew li huma kienu baghtu c-cekk pero` apparentement – dejjem skond ma rritenew – dana spicca ghand kumpanija ohra, fatt irrilevanti ghas-socjeta` kummercjali attrici.**

**Ra li dehru d-difensuri tal-partijiet u s-socjeta` attrici pprezentat nota ta' cessjoni tas-sorte fis-17 t'April, 2001.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**